Parlament Ewropew

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2075(INI)

29.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE
(2025/2075(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Alice Kuhnke

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, bit-titolu "Supervision of the execution of judgments and decisions of the European Court of Human Rights" (Is-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem)[1a];
	[1a] Il-Kunsill tal-Ewropa, <u>Rapporti Annwali tal-Kumitat tal-Ministri</u>.

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjuż u Lingwistiċi u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Forum tan-NU dwar il-Kwistjonijiet tal-Minoranzi, u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-NU, kif ukoll il-każistika tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-

	Espert Indipendenti dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru dwar prattiki tal-hekk imsejħa "terapija ta' konverżjoni" (A/HRC/44/53), ippubblikat fl-1 ta' Mejju 2020 mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR),

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 2024 dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[1a],
	[1a] ĠU C, C/2025/1279, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1279/oj.

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-10 ta' Novembru 1994,

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-

	Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[1a],
	[1a] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/78/oj.

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt)[1a],
	[1a] ĠU L 433 I,22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj.

Emenda 10
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[1a],
	[1a] ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/913/oj.

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[1a],
	[1a] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[1a],
	[1a] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni)[1a],
	[1a] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj.

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[1a],
	[1a] ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj.

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[1a], b'mod partikolari l-paragrafu 20 tagħha;
	[1a] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 bit-titolu "Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034" (COM(2025)0570),

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE[1a],
	[1a] ĠU C 449, 23.12.2020, p. 28.

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE[1a],
	[1a] ĠU C 463, 21.12.2018, p. 21.

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023 dwar proposti tal-Parlament Ewropew għar-revizjoni tat-Trattati[1a],
	[1a] ĠU C, C/2024/4216, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4216/oj.

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[1a],
	[1a] ĠU C, C/2024/5733, 17.10.2024, ELI:

***http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj*.**

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda" (COM(2021)0777),

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli passerelle fit-Trattati tal-UE[1a],
	***[1a] ĠU C, C/2024/3996, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3996/oj*.**

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030

(COM(2021)0101),

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020)0620),

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" (COM(2020)0711),

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,	– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE***, b'mod partikolari r-rapport tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet***

	fundamentali - Ir-rapport annwali tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE" (COM(2024)0456), kif ukoll iċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt,

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025)0097),

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapporti ***annwali*** tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar id-drittijiet fundamentali,	– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ***(FRA), b'mod partikolari r-rapporti annwali tagħha*** dwar id-drittijiet fundamentali ***u r-rapport tagħha tad-19 ta' Diċembru 2023 bit-titolu "EU funds: Ensuring compliance with fundamental rights" (Il-fondi tal-UE: Niżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali)***,

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-

	komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u t-Trawwim tal-Ħajja Lhudija (2021-2030)" (COM(2021)0615) u r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni li jaġġornaw u jimplimentaw l-Istrateġija,

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-FRA, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Eurostat tal-25 ta' Novembru 2024 bit-titolu "EU gender-based violence survey – Key results: Experiences of women in the 27 EU Member States" (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru – Riżultati ewlenin: L-esperjenzi tan-nisa fis-27 Stat Membru tal-UE),

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ippubblikat f'Mejju 2022,

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport konġunt tan-Network Ewropew dwar l-Integrazzjoni (EIN) u Democracy Reporting International (DRI) bit-titolu "Justice Delayed and Justice Denied: Non-Implementation of European Courts Judgments and the Rule of Law" (Ġustizzja Mdewma u Ġustizzja Miċħuda: In-Nuqqas ta' implimentazzjoni tas-Sentenzi tal-Qrati Ewropej u tal-Istat tad-Dritt) dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-Istati Membri tal-UE[1a],
	[1a] EIN u DRI, "Justice Delayed and Justice Denied: Non-Implementation of European Judgments and the Rule of Law" (Ġustizzja Mdewma u Ġustizzja Miċħuda: In-Nuqqas ta' implimentazzjoni tas-Sentenzi Ewropej u tal-Istat tad-Dritt).

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack – miljun firma għad-diversità fl-Ewropa"[1a],
	[1a] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 70.

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2023 dwar ir-relazzjonijiet istituzzjonali bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa[1a],
	[1a] ĠU C, C/2023/442, 1.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/442/oj.

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa, adottata fl-1992,

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi dan ir-rapport ma jevalwax kull dritt individwali ***li jinsab*** fil-Karta, iżda, ***pjuttost janalizza*** l-implimentazzjoni tal-Karta bħala strument tad-dritt primarju tal-UE;	B. billi dan ir-rapport ma jevalwax kull dritt individwali ***stabbilit*** fil-Karta, iżda ***minflok jeżamina*** l-implimentazzjoni tal-Karta bħala strument tad-dritt primarju tal-UE;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-applikazzjoni effettiva tal-Karta hija indispensabbli għall-iżgurar

	tar-rispett tal-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE madwar l-Unjoni, billi jiġu pprovduti standards vinkolanti tad-drittijiet fundamentali soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, jissaħħu ċ-ċertezza legali u l-obbligu ta' rendikont tal-awtoritajiet pubbliċi u jiġi żgurat l-aċċess tal-individwi għall-ġustizzja; billi l-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u t-theddid persistenti għall-indipendenza ġudizzjarja, il-libertà tal-media u s-sistemi kontra l-korruzzjoni jxekkel l-applikazzjoni prattika tal-Karta;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi n-nuqqas ta' indikaturi armonizzati u definizzjonijiet komuni għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri jfixkel il-kapaċità tal-Unjoni li tivvaluta x-xejriet; billi l-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont u tal-implimentazzjoni xierqa tal-Karta huwa essenzjali;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-Artikolu 51 tal-Karta jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li jqis il-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, u tar-rispett tal-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati;	F. billi l-Artikolu 51 tal-Karta jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li jqis il-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, u tar-rispett tal-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati***, filwaqt li jinkludi wkoll ir-rekwiżit għar-rispett tal-identitajiet***

nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi fundamentali, politiċi u kostituzzjonali tagħhom, li jinkludu l-awtonomija reġjonali u lokali, kif iddikjarat fl-Artikolu 4(2) tat-TUE*; *billi huwa essenzjali li l-Istati Membri japplikaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-Karta fil-prattika, peress li jekk ma jagħmlux hekk, dan mhux biss jimmina l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali iżda jipperikola wkoll l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE, il-kredibbiltà tal-ordni legali tal-Unjoni u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE;

Emenda 40
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Artikolu 51 tal-Karta jistieden lill-Unjoni tiżgura l-promozzjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet kollha minquxa fih;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi fil-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini appellaw għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta sabiex tiġi żgurata l-effettività massima possibbli tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, filwaqt li dan jgħin ukoll biex tingħeleb l-interpretazzjoni attwali tal-Artikolu 51 tal-Karta;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi, bis-saħħa tal-Artikolu 51, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni; billi ***l-limiti inċerti ta' tali rekwiżit għadhom jagħmluha diffiċli biex jiġi ddeterminat jekk il-Karta tapplikax fil-prattika u kif tapplika fil-prattika***;	H. billi, bis-saħħa tal-Artikolu 51, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw ***primarjament għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u*** għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni; billi ***din l-applikabbiltà limitata toħloq lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali, u b'hekk l-ambitu tar-rekwiżit fir-rigward tal-Istati Membri ma jkunx suffiċjenti biex jiġi indirizzat il-ksur tad-drittijiet fundamentali***;

Emenda 43
]
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni huma marbuta mill-Karta, anke ***meta dawn jaġixxu barra l-qafas legali tal-UE***;	I. billi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni huma marbuta mill-Karta, anke meta ***jallokaw u jimplimentaw il-fondi tal-UE***;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi, skont ir-rapport annwali tal-Kummissjoni tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta, mhux qed jintlaħaq finanzjament suffiċjenti mill-atturi ewlenin fid-drittijiet fundamentali; billi l-isfidi jinkludu diffikultajiet biex tinstab informazzjoni dwar il-

finanzjament disponibbli, id-disponibbiltà tal-finanzjament għall-azzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-effett tat-tnaqqis fil-finanzjament f'każijiet fejn dan it-tnaqqis jirrestringi l-kapaċità tas-soċjetà ċivili u tal-korpi tad-drittijiet fundamentali li jikkontribwixxu għal diskors miftuħ u demokratiku;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi soċjetà ċivili vibranti u spazju ċiviku attiv huma pilastri essenzjali tad-demokrazija, u jikkontribwixxu għat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll għall-għoti ta' appoġġ legali u soċjali lil individwi, b'mod partikolari dawk minn gruppi emarġinati; billi l-ispazju ċiviku qed jiċkien fl-Unjoni, kemm għall-individwi, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti kif ukoll l-attivisti li qed jiffaċċjaw pressjoni finanzjarja u politika dejjem tikber u sproporzjonata, u b'hekk dan qed jimmina l-implimentazzjoni tal-Karta; billi finanzjament fit-tul tal-UE li huwa prevedibbli, adegwat u sostenibbli għas-soċjetà ċivili huwa kruċjali biex din tiffjorixxi u twettaq ir-rwol ta' sorveljanza tagħha, kif ukoll biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà u r-reazzjonijiet tas-soċjetà kollha għall-kriżijiet; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) għandhom ukoll rwol kruċjali biex il-Karta tiġi rispettata u biex jingħataw servizzi soċjali, b'mod partikolari għall-komunitajiet emarġinati;

Emenda 46
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi f'ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless, l-applikazzjoni tal-Karta għandha tkun allinjata b'mod proattiv mal-prijoritajiet tal-UE li qed jevolvu, inklużi ***l-prijoritajiet*** ambjentali ***u*** dawk relatati mal-klima;	J. billi f'ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless, l-applikazzjoni tal-Karta għandha tkun allinjata b'mod proattiv mal-prijoritajiet tal-UE li qed jevolvu, inklużi ***dawk*** ambjentali***,*** dawk relatati mal-klima***, soċjali, ekonomiċi u diġitali***; ***billi l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament għandhom jużaw b'mod sistematiku d-data prodotta mill-FRA fit-tfassil ta' politika;***

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-Unjoni u dritt fundamentali minqux fil-Karta, fit-TUE u fit-TFUE; billi l-miżuri diskriminatorji għadhom jippersistu madwar l-UE;	K. billi l-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-Unjoni u dritt fundamentali minqux fil-Karta, fit-TUE u fit-TFUE; billi l-miżuri diskriminatorji għadhom jippersistu madwar l-UE ***u din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni huma essenzjali għas-salvagwardja tal-ugwaljanza u t-tgawdija effettiva tad-drittijiet fundamentali; billi l-antisemitiżmu jippersisti fl-Unjoni u intensifika sew f'dawn l-aħħar snin, u b'hekk dan jissottolinja l-ħtieġa urġenti ta' miżuri effettivi ta' prevenzjoni,

protezzjoni u prosekuzzjoni;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Kb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kb. billi l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tirrikjedi approċċ intersezzjonali, li jirrikonoxxi li l-individwi jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni doppja jew raġunijiet multipli ta' diskriminazzjoni minħabba l-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew il-kuntest ta' migrazzjoni tagħhom;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Kc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kc. billi l-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni, inkluża dik ibbażata fuq l-appartenenza għal minoranza nazzjonali;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Kd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kd. billi l-lingwi huma parti integrali tal-identità Ewropea u l-aktar espressjoni diretta tal-kultura; billi r-rispett għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika huwa valur fundamentali tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Karta;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ke (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ke. billi l-persuni b'diżabbiltà ma jgawdux l-istess livell ta' drittijiet fir-rigward tar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, u d-dritt għat-twaqqif ta' familja; billi l-isterilizzazzjoni furzata tal-persuni b'diżabbiltà, inklużi l-minorenni, fl-UE għadha legalment permissibbli f'diversi Stati Membri; billi l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni politika, inkluża l-votazzjoni, u d-dritt li jokkupaw kariga politika huwa mxekkel f'diversi Stati Membri;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi skont l-Ewrobarometru Speċjali tal-2019 dwar l-għarfien tal-Karta, 42 % biss tar-rispondenti ddikjaraw li kienu semgħu bil-Karta, u fosthom 12 % biss fil-fatt kienu jafu x'inhi, filwaqt li l-maġġoranza (57 %) qatt ma kienet semgħet biha; billi anqas minn ċittadin wieħed minn kull ħamsa (16 %) ħassew li kienu infurmati sew dwar il-Karta;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Artikolu 14 tal-Karta ***jenfasizza d-dritt ta' kull tifel/tifla għal*** edukazzjoni b'xejn;	N. billi l-Artikolu 14 tal-Karta ***jiddikjara li t-tfal kollha għandhom id-dritt għall-edukazzjoni u li dan id-dritt jinkludi l-possibbiltà li jirċievu*** edukazzjoni ***obbligatorja*** b'xejn; ***billi s-segregazzjoni, id-diskriminazzjoni u l-faqar joħolqu ostakli sinifikanti għat-tfal emarġinati, b'mod partikolari għat-tfal Rom, biex jaċċessaw edukazzjoni ta' kwalità;***

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-lakuni legali persistenti u l-ostakli għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru, u l-eżistenza ta' prattiki ta' konverżjoni huma inkompatibbli mal-Karta; billi l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom, f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jiggarantixxu r-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru u l-protezzjoni minn prattiki li jimminaw id-dinjità jew id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTQIA+;	O. billi l-lakuni legali persistenti u l-ostakli għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru, u l-eżistenza ta' prattiki ta' konverżjoni***, jiġifieri prattiki li għandhom l-għan li jibdlu, jimblukkaw jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna,*** huma inkompatibbli mal-Karta; billi l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom, f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ***u mal-ġurisprudenza***, jiggarantixxu r-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru u l-protezzjoni minn prattiki li jimminaw id-dinjità jew id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTQIA+ ***u jadottaw u jimplimentaw miżuri biex jiggarantixxu r-rispett għalll-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni***;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi l-Artikolu 22 tal-Karta jenfasizza li l-Unjoni jeħtiġilha tirrispetta d-diversità lingwistika; billi l-implimentazzjoni tal-Karta trid tissalvagwardja wkoll id-drittijiet fundamentali tal-minoranzi lingwistiċi;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ob (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ob. billi l-prattiki ta' patoloġizzazzjoni kontra individwi intersesswali, mhux binarji u trans fl-UE jiksru d-drittijiet fundamentali;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda jiksru d-drittijiet fundamentali u għadhom mhumiex indirizzati biżżejjed fid-dritt tal-Unjoni; billi l-estensjoni tal-lista tal-UE ta' reati skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tkopri d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda hija ta' importanza kbira, flimkien ma' att leġiżlattiv tal-UE biex jiġi indirizzat dan it-theddid, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru ***u*** l-orjentazzjoni sesswali;	P. billi r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda jiksru d-drittijiet fundamentali u għadhom mhumiex indirizzati biżżejjed fid-dritt tal-Unjoni; billi l-estensjoni tal-lista tal-UE ta' reati skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tkopri d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda hija ta' importanza kbira, flimkien ma' att leġiżlattiv tal-UE biex jiġi indirizzat dan it-theddid, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru, ***l-espressjoni tal-ġeneru,*** l-orjentazzjoni sesswali ***u l-karatteristiċi sesswali***; ***billi huwa essenzjali li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni f'riskju ta' vittimizzazzjoni instigata mill-mibegħda, inkluż persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali***

jew lingwistiċi tradizzjonali;

Emenda 59
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi ħafna vittmi ta' diskriminazzjoni, ta' reati ta' mibegħda u ta' abbużi tad-drittijiet ma jirrapportawx dawn l-inċidenti, u dan iwassal għal sottovalutazzjoni persistenti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-potenzjal tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi stabbiliti fil-Karta ma ġiex sfruttat biżżejjed sa issa; billi ***r-rispett għad-drittijiet soċjali mhuwiex*** biss ***imperattiv etiku u obbligu*** legali***, iżda wkoll neċessità ekonomika***;	Q. billi l-potenzjal tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi stabbiliti fil-Karta ma ġiex sfruttat biżżejjed sa issa; billi ***l-iżgurar tar-rispett għal dawn id-drittijiet mhux*** biss ***jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali u ċ-ċertezza*** legali***, iżda jista' wkoll irawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol***; ***billi l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, b'mod partikolari li taffettwa l-akkomodazzjoni, l-enerġija u l-ikel, qed tfixkel it-tgawdija effettiva ta' dawn id-drittijiet u l-parteċipazzjoni ugwali taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika;***

Emenda 61
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Artikolu 6 tat-TUE jenfasizza ***wkoll*** li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea	R. billi l-Artikolu 6 tat-TUE jenfasizza li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ***iridu*** jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;	Drittijiet tal-Bniedem, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;

Emenda 62
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi ***ftit li xejn qed tingħata attenzjoni lid-drittijiet soċjali stabbiliti fil-Karta fil-governanza*** ekonomika ***tal-Unjoni***; ***billi dawn iridu jitqiesu bħala drittijiet fundamentali***;	T. ***billi l-qafas ta' governanza*** ekonomika ***tal-Unjoni għandu jiġi implimentat b'mod li jkun kompatibbli mal-Karta, inklużi d-dispożizzjonijiet soċjali li fih, meta applikabbli***;

Emenda 63
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Va (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Va. billi l-Artikolu 10 tat-TFUE jistabbilixxi li "l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali";

Emenda 64
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Vb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Vb. billi mara minn kull tlieta fl-UE (30,7 %) esperjenzaw vjolenza fiżika jew theddid u/jew vjolenza sesswali tul ħajjithom, minn kwalunkwe awtur ta' reat[1a];
	[1a] FRA, EIGE u Eurostat, EU gender-based violence survey – Key results: Experiences of women in the 27 EU

Member States (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru – Riżultati ewlenin: L-esperjenzi tan-nisa fis-27 Stat Membru tal-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, 2024.

Emenda 65
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa W

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
W. billi t-trasparenza tal-proċessi leġiżlattivi u deċiżjonali tal-UE toriġina mid-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, u hija prekundizzjoni essenzjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw u jimmonitorjaw kif xieraq l-implimentazzjoni tal-Karta mill-istituzzjonijiet tal-UE;	W. billi t-trasparenza tal-proċessi leġiżlattivi u deċiżjonali tal-UE toriġina mid-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, u hija prekundizzjoni essenzjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw u jimmonitorjaw kif xieraq l-implimentazzjoni tal-Karta mill-istituzzjonijiet tal-UE; ***billi, skont l-Ewrobarometru ta' Novembru 2025, erbgħa minn kull għaxar ċittadini Ewropej iqisu li trasparenza u aċċess akbar għall-informazzjoni dwar modi ta' parteċipazzjoni fit-tfassil tal-politika jħeġġu aktar liċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom direttament fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;***

Emenda 66
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa X

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
X. billi l-Karta sservi bħala għodda vitali għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali f'oqsma ta' politika ġodda u emerġenti***, bħall-intelliġenza artifiċjali***;	X. billi l-Karta sservi bħala għodda vitali għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali f'oqsma ta' politika ġodda u emerġenti;

Emenda 67
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Xa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Xa. billi l-isfera diġitali u t-teknoloġiji emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jaffettwaw id-drittijiet fundamentali jekk ma jiġux żgurati s-salvagwardji adegwati;

Emenda 68
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ya (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ya. billi l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni huma drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta u jikkostitwixxu pilastri essenzjali tad-demokrazija u jridu jiġu rispettati u salvagwardjati bis-sħiħ fl-Unjoni kollha;

Emenda 69
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Yb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	b. billi l-libertà ta' għaqda paċifika u l-libertà ta' assoċjazzjoni huma drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta u jikkostitwixxu pilastri essenzjali tad-demokrazija, u jridu jiġu rispettati u protetti bis-sħiħ fl-Unjoni kollha;

Emenda 70
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi ***l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA ifformulat*** konklużjonijiet f'konformità mal-mandat tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-	Z. billi ***l-FRA fformulat*** konklużjonijiet f'konformità mal-mandat tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta[5,6,7] ; ***billi r-rwol tal-FRA huwa***

Karta[5,6,7] ;

kruċjali għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u għall-konformità tal-Istati Membri mal-Karta, kif ukoll għall-appoġġ ta' dawk li jfasslu l-politika biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u promossi fil-leġiżlazzjoni u fil-politika attwali u futuri tal-UE; billi l-FRA għandha tiġi kkonsultata b'mod regolari dwar abbozzi ta' testi leġiżlattivi li jqajmu kwistjonijiet potenzjali relatati mad-drittijiet koperti fil-Karta, inklużi proposti mill-Kummissjoni jew pożizzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet matul il-proċeduri leġiżlattivi; billi r-rwol tal-FRA huwa strumentali, speċjalment fi żminijiet li fihom ġie osservat rigress demokratiku f'diversi Stati Membri; billi hemm bżonn li jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali lill-FRA biex timplimenta proġetti ġodda identifikati mill-Aġenzija wara l-proċess ta' konsultazzjoni tagħha mal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll biex iżżid il-kapaċità tagħha li timmonitorja l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-ksur tagħhom;

---

[5] Opinjoni tal-FRA 1/2017, l-10 ta' April 2017.

[6] Opinjoni tal-FRA 4/2018, l-24 ta' Settembru 2018.

[7] Fokus tal-FRA, il-11 ta' Ġunju 2020.

[5] Opinjoni tal-FRA 1/2017, l-10 ta' April 2017.

[6] Opinjoni tal-FRA 4/2018, l-24 ta' Settembru 2018.

[7] Fokus tal-FRA, il-11 ta' Ġunju 2020.

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Za (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Za. billi hemm differenzi fil-livell ta' għarfien dwar il-Karta fost l-Istati Membri; billi għad hemm nuqqas ta' għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali u għarfien limitat dwar il-mekkaniżmi tal-ilmenti fil-livell

nazzjonali; billi dan għandu impatt fuq l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta;

Emenda 72
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Zb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Zb. billi l-FRA taqdi rwol kruċjali fil-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-UE permezz tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt internazzjonali minn awtoritajiet jew korpi pubbliċi involuti fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-kontroll tal-fruntieri;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Zc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Zc. billi hemm differenzi fl-użu u fil-fehim tal-Karta fil-qrati tal-Istati Membri; billi l-imħallfin għandhom jiġu sensitizzati għall-użu tad-dritt tal-Unjoni u l-Karta fil-proċedimenti nazzjonali;

Emenda 74
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Zd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Zd. billi skont ir-rapport konġunt mill-EIN u d-DRI dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-pajjiżi tal-UE, ir-rekords tal-Istati Membri ta' konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB jiżvelaw

	kwistjonijiet komuni ta' tħassib, inklużi kwistjonijiet dwar l-indipendenza ġudizzjarja u dik tal-prosekuzzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mal-OSĊ u diversi gruppi vulnerabbli, bħall-komunità LGBTQIA+, il-persuni li jfittxu ażil u l-komunitajiet Rom[1a];
	[1a] EIN u DRI, "Justice Delayed and Justice Denied: Report on the Non-Implementation of European Judgments and the Rule of Law" (Ġustizzja Mdewma u Ġustizzja Miċħuda: Rapport dwar in-Nuqqas ta' implimentazzjoni tas-Sentenzi Ewropej u tal-Istat tad-Dritt).

Emenda 75
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ze (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ze. billi, kemm jekk abbażi tal-Karta nnifisha kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem bħala parti mid-dritt internazzjonali, hemm qbil wiesa' li l-UE jeħtiġilha tqis id-drittijiet fundamentali meta taġixxi fil-qasam tal-politiki esterni[1a];
	[1a] Studju tal-Parlament Ewropew bit-titolu "The Implementation of the Charter of Fundamental Rights in the EU institutional framework" (L-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-qafas istituzzjonali tal-UE), Novembru 2025.

Emenda 76
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Zf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Zf. billi l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' emerġenza tal-UE huwa meħtieġ b'mod

	urġenti biex jipproteġi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri li jkunu taħt pressjoni;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Zg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Zg. billi r-restrizzjonijiet, il-kampanji ta' malafama u l-kriminalizzazzjoni tas-soċjetà ċivili qed jiżdiedu u dan huwa kwistjoni ta' ħassib; billi r-rekwiżiti ta' rappurtar għandhom jibqgħu neċessarji u proporzjonati għall-għanijiet segwiti; billi r-restrizzjonijiet jew l-attakki legali jew finanzjarji, bħall-kriminalizzazzjoni tal-assistenza umanitarja, l-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) jew l-użu ta' teknoloġiji ta' software ta' spjunaġġ, u l-użu eċċessiv tal-forza mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'ċerti Stati Membri – li kollha jimminaw il-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda, ta' espressjoni u ta' informazzjoni – ma għandhom ebda post f'soċjetà demokratika;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jafferma mill-ġdid il-Karta bħala parti ewlenija u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni bl-istess valur legali bħat-Trattati; jafferma mill-ġdid l-obbligu li jiġi żgurat li ***d-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà*** jiġu rispettati u protetti b'mod konsistenti madwar l-UE; jisħaq li dan huwa obbligu legali li huwa	1. Jafferma mill-ġdid il-Karta bħala parti ewlenija u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni bl-istess valur legali bħat-Trattati; jafferma mill-ġdid l-obbligu li jiġi żgurat li ***l-valuri tal-UE kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta*** jiġu rispettati u protetti b'mod konsistenti madwar l-UE; jisħaq li dan huwa obbligu legali li huwa essenzjali

essenzjali wkoll biex jiġu ppreżervati l-leġittimità u l-kredibbiltà tal-UE; jistieden lill-korpi tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett għall-Karta f'konformità mas-sentenzi tal-QĠUE; ifakkar li l-individwi jistgħu jieħdu azzjoni legali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali;

wkoll biex jiġu ppreżervati l-leġittimità u l-kredibbiltà tal-UE; jistieden lill-korpi tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett għall-Karta f'konformità mas-sentenzi tal-QĠUE; ifakkar li l-individwi jistgħu jieħdu azzjoni legali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li ***bidliet*** teknoloġiċi***, ambjentali, klimatiċi*** u soċjetali rapidi ***jirrikjedu approċċ proattiv għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali***; jirrikonoxxi li l-Karta sservi bħala pjan iddettaljat vitali biex jiġi żgurat li oqsma ta' politika kruċjali u emerġenti***, bħall-ambjent, il-klima u l-intelliġenza artifiċjali,*** jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi ***d-dinjità*** tal-bniedem, l-ugwaljanza, ***id-dritt għall-privatezza***, ***u n-nondiskriminazzjoni***;	2. Jisħaq li ***żviluppi*** teknoloġiċi u soċjetali rapidi***għandhom jitħaddnu bħala fattur ta' opportunità u progress, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-Karta***; jirrikonoxxi li l-Karta sservi bħala pjan iddettaljat vitali biex jiġi żgurat li oqsma ta' politika kruċjali u emerġenti jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi ***d-drittijiet għad-dinjità*** tal-bniedem, l-ugwaljanza, ***il-privatezza***, ***in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni ambjentali;***

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li r-rispett għall-Istat tad-Dritt, bħala wieħed mill-valuri ewlenin tal-UE minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE u pilastru fundamentali ta' soċjetà demokratika li jiżgura r-rispett għall-prinċipji tal-legalità, iċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja minn qrati indipendenti u imparzjali, anke fir-rigward tad-drittijiet

	fundamentali, is-separazzjoni tas-setgħat u n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, huwa intrinsikament marbut mar-rispett għall-Karta;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-Karta u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[8];	3. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-Karta u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[8]; ***ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li twettaq, sal-2030, eżerċizzju sħiħ ta' rendikont f'kooperazzjoni mal-atturi ewlenin responsabbli għall-infurzar tal-Karta; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta u tivvaluta l-progress rigward l-għarfien dwarha u l-użu u l-applikazzjoni prattika tagħha;***
[8] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" (COM(2020)0711).	[8] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" (COM(2020)0711).

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***3a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta billi tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tagħha madwar l-UE, kif din tista' tissaħħaħ, inkluża valutazzjoni komprensiva ta' kull**

	dispożizzjoni tal-Karta, kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri;

Emenda 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma meħtieġa jaġixxu b'mod konsistenti mal-Karta, jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali lill-individwi kollha, jiżguraw il-promozzjoni tagħhom madwar l-UE, u jindirizzaw il-lakuni leġiżlattivi eżistenti; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-politiki kollha tal-UE jikkonformaw mal-Karta;	4. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma meħtieġa jaġixxu b'mod konsistenti mal-Karta, jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali lill-individwi kollha, jiżguraw il-promozzjoni tagħhom madwar l-UE ***u lil hinn minnha***, u jindirizzaw il-lakuni leġiżlattivi eżistenti; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-politiki kollha tal-UE***, inklużi l-politiki esterni u ekonomiċi tal-UE,*** jikkonformaw mal-Karta;

Emenda 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Karta tirrikjedi s-salvagwardja effettiva tad-drittijiet tal-vittmi; jilqa' r-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi[9] ***biex jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiggarantixxu d-drittijiet*** tal-vittmi ***li jirrieżaminaw*** deċiżjonijiet fi proċedimenti kriminali, l-aċċess għal kumpens ġust u servizzi ta' appoġġ komprensiv;	5. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Karta tirrikjedi s-salvagwardja effettiva tad-drittijiet tal-vittmi; ***jenfasizza li l-vittmi kollha jeħtiġilhom ikollhom aċċess għall-ġustizzja u għal appoġġ adegwat; jinnota li jippersistu lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE;*** jilqa' r-reviżjoni ***proposta*** tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi[9]***, li għandha l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet*** tal-vittmi, ***bħar-rieżami ta'*** deċiżjonijiet fi proċedimenti kriminali, l-aċċess għal kumpens ġust u servizzi ta' appoġġ komprensiv; ***jappella għal konklużjoni rapida tan-negozjati u għal eżitu ambizzjuż bi protezzjoni msaħħa tad-drittijiet tal-vittmi;***

[9] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj).

[9] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj).

Emenda 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar fil-ħtieġa li jissaħħaħ l-aċċess għall-ġustizzja mill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u domestika, u li l-leġiżlazzjoni tiġi allinjata mal-obbligi internazzjonali bħad-definizzjonijiet legali ta' stupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens kif stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online;	6. Ifakkar fil-ħtieġa li jissaħħaħ l-aċċess għall-ġustizzja mill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u domestika***, b'mod partikolari forom speċifiċi ta' vjolenza li jinkludu l-vjolenza sesswali u l-istupru***, u li l-leġiżlazzjoni tiġi allinjata mal-obbligi internazzjonali bħad-definizzjonijiet legali ta' stupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens kif stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online; ***itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;***

Emenda 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bħala drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta, li	7. Jisħaq fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bħala drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta, li

tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew ta' tip ieħor, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll ir-rispett għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika; ***jesprimi tħassib serju dwar miżuri diskriminatorji madwar l-Ewropa kontra gruppi vulnerabbli, inklużi persuni LGBTQIA+; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur f'każijiet ta' ksur tal-Karta; jissottolinja lakuni legali persistenti u mekkaniżmi ta' infurzar dgħajfa; jistieden lill-Kunsill jilħaq ftehim dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni mingħajr dewmien;***	tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew ta' tip ieħor, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll ir-rispett għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika;

Emenda 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jesprimi tħassib profond dwar miżuri diskriminatorji, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, madwar l-Ewropa mmirati lejn individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal tfal, nisa, komunitajiet razzjalizzati u etniċi, membri tal-komunità LGBTIQ+, migranti u dawk li qed ifittxuażil, persuni b'diżabbiltà u l-anzjani; jappella lill-UE biex tkompli tieħu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda mmirati lejn gruppi vulnerabbli biex tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta għall-individwi kollha;

Emenda 88
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jiddeplora l-fatt li ċerti Stati Membri qed ikomplu jimplimentaw jew iżommu liġijiet u politiki li jimminaw id-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta; jenfasizza bil-qawwa li dawn il-prattiki jiksru d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta, inkluż iżda mhux limitati għar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda, il-libertà tal-informazzjoni, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, id-drittijiet tat-tfal u l-libertà ta' moviment u ta' residenza;

Emenda 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-hekk imsejħa "propaganda LGBTIQ+" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;

Emenda 90

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jesprimi tħassib li xi minoranzi

	nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali jkomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-isfera privata u dik pubblika ġewwa l-UE; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-promozzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji relatati mal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali għadha mhijiex indirizzata biżżejjed fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapporti tagħha jkopru l-forom kollha ta' diskriminazzjoni b'mod komprensiv kif minqux fl-Artikolu 21 tal-Karta; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali aktar konsistenti biex tissalvagwardja d-drittijiet tal-minoranzi fi ħdan is-sistema legali tal-UE u ssaħħaħ l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi bħala parti mill-isforzi usa' tagħha biex tappoġġja l-valuri fundamentali tal-UE;

Emenda 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jinsab allarmat mill-użu tal-isterilizzazzjoni furzata kontra l-persuni b'diżabbiltà; jenfasizza li l-liġijiet nazzjonali li jippermettu dan għadhom inkompatibbli mal-Karta; ifakkar li l-persuni b'diżabbiltà sussegwentement ma jgawdux mill-istess livell ta' drittijiet biex jiffurmaw familja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-għodod u mil-leġiżlazzjoni attwali biex jiżguraw il-parteċipazzjoni politika tal-persuni b'diżabbiltà u d-dritt li jokkupaw kariga politika;

Emenda 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7f. Jiddeplora n-nuqqas ta' progress fil-politiki ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni f'xi Stati Membri u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' liġijiet kontra d-diskriminazzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li minkejja l-oqfsa attwali tal-UE, bħad-Direttiva 2000/78/KE, għad hemm lakuni fl-implimentazzjoni li jħallu lill-vittmi mingħajr appoġġ legali adegwat;

Emenda 93

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7g. Ifakkar li l-UE għandha mandat u responsabbiltà li tiġġieled id-diskriminazzjoni, kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u li tippromwovi t-trattament ugwali għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur f'każijiet ta' ksur tal-Karta u tirrikorri sistematikament għall-QĠUE biex iġġib proċeduri mħaffa u titlob miżuri interimf'każijiet ta' ksur; jissottolinja lakuni legali persistenti u mekkaniżmi ta' infurzar dgħajfa; jistieden lill-Kunsill jilħaq ftehim dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni mingħajr dewmien;

Emenda 94

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 (COM(2025)0725) u jistieden lill-Istati Membri jġeddu jew jadottaw pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji nazzjonali ġodda dwar l-LGBTIQ+ biex jikkomplementaw l-inizjattivi tal-UE b'miżuri nazzjonali effettivi;	8. Jilqa' l-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 (COM(2025)0725) u jistieden lill-Istati Membri jġeddu jew jadottaw pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji nazzjonali ġodda dwar l-LGBTIQ+ biex jikkomplementaw l-inizjattivi tal-UE b'miżuri nazzjonali effettivi ***u jevitaw li jressqu inizjattivi b'riskju li jimminaw jew li direttament jimminaw id-drittijiet tal-membri tal-komunità LGBTIQ+***;

Emenda 95

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-fatt li l-ostakli legali għar-rikonoxximent sħiħ ta' unjonijiet omosesswali u l-paternità jippersistu madwar l-UE u jiksru l-Karta, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-persuni u d-drittijiet tat-tfal, u r-rispett għall-ħajja tal-familja; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; ifakkar fil-mandat tal-Parlament[10] li jappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità madwar l-UE, irrispettivament minn kif jiġi konċeput jew jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kunsill jimplimenta bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal, jaġixxi fl-aħjar interessi tat-tfal, iżid iċ-ċertezza legali u jiġġieled id-diskriminazzjoni;	9. Jenfasizza l-fatt li l-ostakli legali għar-rikonoxximent sħiħ ta' unjonijiet omosesswali u l-paternità jippersistu madwar l-UE u jiksru l-Karta, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-persuni u d-drittijiet tat-tfal, u r-rispett għall-ħajja tal-familja; ***jinnota li dawn l-ostakli jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tat-tfal kif deskritt fil-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jenfasizza li dawn id-deċiżjonijiet huma parti minn kampanji usa' kontra l-LGBTQIA+ f'ċerti Stati Membri***; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; ifakkar fil-mandat tal-Parlament[10] li jappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità madwar l-UE, irrispettivament minn kif jiġi konċeput jew jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kunsill jimplimenta bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jipproteġi

d-drittijiet fundamentali tat-tfal, jaġixxi fl-aħjar interessi tat-tfal, iżid iċ-ċertezza legali u jiġġieled id-diskriminazzjoni; ***itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tiżgura r-rikonoxximent sħiħ ta' unjonijiet u żwiġijiet omosesswali, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE[1a];***

[10] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur (ĠU C, C/2024/4201, 2.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4201/oj).

[1a] https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf;jsessionid=F1105D2B758FFB583CC1CCCAB0B7D24C?text=&docid=306543&pageIndex=0&doclang=MT&mode=req&dir=&occ=first&part=1&cid=15355674.

[10] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur (ĠU C, C/2024/4201, 2.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4201/oj).

Emenda 96
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li n-nuqqas ta' proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru jikser id-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jiggarantixxu r-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru fid-dokumenti uffiċjali u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni, jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tal-identità tal-ġeneru, u jipproteġu d-data personali[11]; jikkundanna l-prattiki ta' konverżjoni bħala ksur tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom	10. Jissottolinja li n-nuqqas ta' proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru jikser id-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jiggarantixxu r-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru fid-dokumenti uffiċjali u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni, jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tal-identità tal-ġeneru, u jipproteġu d-data personali[11]; ***jappella għall-infurzar ta' politiki komprensivi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem;*** jikkundanna l-prattiki ta'

b’azzjonijiet konkreti, sanzjonijiet effettivi u kampanji ta’ sensibilizzazzjoni, filwaqt li tqis ukoll l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bl-isem “Projbizzjoni ta’ prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea”***;***	konverżjoni***, jiġifieri prattiki li għandhom l-għan li jibdlu, jimblukkaw jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta’ persuna,*** bħala ksur tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom b’azzjonijiet konkreti***, inklużi azzjonijiet leġiżlattivi fejn meħtieġ***, sanzjonijiet effettivi u kampanji ta’ sensibilizzazzjoni, filwaqt li tqis ukoll l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bl-isem “Projbizzjoni ta’ prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea”;
[11] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ Marzu 2025, C-247/23, ECLI:EU:C:2025:172; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Jannar 2025, C-394/23, ECLI:EU:C:2025:2; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Ottubru 2024, C-4/23, ECLI:EU:C:2024:845.	[11] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ Marzu 2025, C-247/23, ECLI:EU:C:2025:172; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Jannar 2025, C-394/23, ECLI:EU:C:2025:2; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Ottubru 2024, C-4/23, ECLI:EU:C:2024:845.

Emenda 97

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu b’mod espliċitu l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess bħala raġuni protetta fi kwalunkwe leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u jiżviluppaw proċeduri li jippermettu lill-individwi intersesswali u mhux binarji jkollhom dokumenti li jirriflettu l-identità tagħhom f’konformità mat-talbiet preċenti tal-Parlament u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE;

Emenda 98

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-FRA rrapportaw żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u fid-diskors ta' mibegħda; jiddeplora bil-qawwa t-tixrid ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda; jissottolinja li dan joħloq theddida serja għar-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE li tindirizzaha; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni biex jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fost ir-reati ta' mibegħda elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora aktar għażliet fl-oqsma eżistenti tal-kriminalità biex tipproponi leġiżlazzjoni li għandha l-għan li tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali;***	11. Jinnota li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-FRA rrapportaw żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u fid-diskors ta' mibegħda ***mmirati lejn individwi f'diversi Stati Membri, aggravati minn retorika politika u infurzar insuffiċjenti tal-liġijiet rilevanti; jenfasizza li xi Stati Membri naqsu milli jressqu quddiem il-ġustizzja r-reati ta' mibegħda b'mod effettiv jew jipprovdu biżżejjed appoġġ lill-vittmi, u dan immina l-fiduċja fis-sistemi ġudizzjarji u naqas milli jiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali;*** jiddeplora bil-qawwa t-tixrid ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda***, inklużi dawk li jsiru online u meta mxerrda mill-awtoritajiet pubbliċi***; jissottolinja li dan joħloq theddida serja għar-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE li tindirizzaha;

Emenda 99

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fl-antisemitiżmu fl-UE, kif ukoll kwalunkwe forma oħra ta' ostilità u vjolenza kontra l-komunitajiet reliġjużi, inklużi attakki kontra postijiet ta' qima u edukazzjoni, fastidju tal-istudenti, u l-profanazzjoni tal-imfakar tal-Olokawst; iwissi dwar dawn l-atti antisemitiċi li qed jeskalaw u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċeleraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija u jieħdu l-passi xierqa biex jiġġieldu kontra l-antisemitiżmu b'rispett

sħiħ tal-Karta;

Emenda 100

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li d-diskriminazzjoni, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, kemm online kif ukoll offline, qed jiżdiedu madwar l-UE, u jikkundanna bil-qawwa dan il-fatt; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fl-UE, inklużi forom persistenti ta' diskriminazzjoni bħall-islamofobija u l-anti-żingariżmu u li tingħabar data biex jiġu mmonitorjati l-inċidenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra din iż-żieda; jappella wkoll għal protezzjoni msaħħa tal-persuni f'riskju ta' vittimizzazzjoni instigata mill-mibegħda;

Emenda 101

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni biex jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fost ir-reati ta' mibegħda elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora aktar għażliet fl-oqsma eżistenti tal-kriminalità biex tipproponi leġiżlazzjoni li għandha l-għan li tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali u l-karatteristiċi sesswali;

Emenda 102

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jappella għal salvagwardji effettivi ***għal*** spazju online sikur***, u għall-ġlieda kontra l-mibegħda***, id-diskriminazzjoni u d-diżinformazzjoni***; jissottolinja li dawn*** jimminaw id-dinjità tal-bniedem, is-sigurtà u l-parteċipazzjoni demokratika***;*** jappella għal azzjoni konkreta tal-UE kontra t-tixrid ta' kontenut illegali online; ***jappella għall-implimentazzjoni*** sħiħa tal-politiki tal-UE biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-individwi;	12. Jappella għal salvagwardji effettivi ***biex jiġi żgurat*** spazju online sikur***; jissottolinja li r-reati ta' mibgħeda, id-diskors ta' mibgħeda,*** id-diskriminazzjoni u d-diżinformazzjoni jimminaw id-dinjità tal-bniedem, is-sigurtà u l-parteċipazzjoni demokratika ***u jfakkar li n-nisa u l-gruppi vulnerabbli huma l-aktar miri rikorrenti[1a];*** jappella għal azzjoni konkreta tal-UE kontra t-tixrid ta' kontenut illegali online; ***jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, biex jiżguraw l-implimentazzjoni*** sħiħa ***u korretta*** tal-politiki tal-UE ***bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media*** biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-individwi; _____ ***[1a] Rapport tal-FRA bit-titolu "Online Content Moderation – Current challenges in detecting hate speech" (Moderazzjoni tal-Kontenut Online – Sfidi attwali fis-sejbien ta' diskors ta' mibgħeda), 2023.***

Emenda 103

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jilqa' ż-żieda fl-għodod ta' parteċipazzjoni diġitali u jappella għall-użu usa' tagħhom biex jissaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini, dment li jkunu stabbiliti salvagwardji robusti biex jipproteġu l-privatezza, il-protezzjoni tad-data u l-aċċess ugwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw

	li l-innovazzjoni teknoloġika, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, tiġi żviluppata u użata b'mod li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta, jippromwovi t-trasparenza, u jsaħħaħ, aktar milli jimmina, id-drittijiet fundamentali;

Emenda 104

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***li l-Karta***, id-dritt għall-ażil ***u l-applikazzjoni uniformi tal-istandards previsti mid-dritt tal-Unjoni jiġu rispettati bis-sħiħ fil-qasam tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil; ifakkar fl-importanza li jitwettqu valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali; jikkundanna*** kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali, restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq id-drittijiet u l-libertajiet individwali, ***inklużi trattamenti inumani*** jew degradanti;	13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***rispett sħiħ għall-Karta***, ***inkluż*** id-dritt għall-ażil ***kif iggarantit skont l-Artikolu 18 tal-Karta, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 rigward l-istat tar-rifuġjati, u f'konformità mat-Trattati u mal-leġiżlazzjoni tal-UE***; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jipprevjenu*** kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali, restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq id-drittijiet u l-libertajiet individwali, ***inkluż trattament inuman*** jew degradanti;

Emenda 105

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti, ir-rifuġjati u l-persuni li jfittxu aż il, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza u proċeduri ta' ritorn umani u dinjituż i, proċeduri ġusti u aċċess għal assistenza legali f'konformità sħiħa mal-Karta;

Emenda 106

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jidħlu fi djalogu mal-Kunsill tal-Ewropa u l-gvernijiet nazzjonali biex jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' effettiva; ifakkar li kull limitazzjoni fl-eżerċitar tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta trid tkun prevista mil-liġi u tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet;

Emenda 107

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jitlob li tiġi żgurata ugwaljanza reali bejn il-ġeneri, f'konformità mal-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jitlob ukoll li jiġi ssalvagwardjat id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa minquxa fl-Artikolu 31 tal-Karta, f'konformità mal-Prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex b'hekk tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jiġu miġġielda r-riskji ta' faqar;

Emenda 108

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Karta u jisħaq fuq l-obbligu tagħhom li jippromwovu l-	16. ***Jinsab imħasseb li l-Karta għadha mhix użata biżżejjed fi proċedimenti nazzjonali quddiem il-qrati nazzjonali;***

applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali; jitlob ***moduli ta' taħriġ immirati*** dwar ***l-implimentazzjoni tal-Karta għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, għall-ġudikatura u għal-leġiżlaturi; jilqa' l-iskambji transfruntiera biex jitrawmu l-kondiviżjoni reċiproka u l-prattiki tajba; jitlob kampanji ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jippermettu lill-individwi jieħdu s-sjieda sħiħa tad-drittijiet tagħhom***;	***ifakkar li l-Karta għandha tiġi applikata b'rispett sħiħ għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li tiġi rikonoxxuta wkoll l-importanza tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Karta ***sal-potenzjal massimu tagħha*** u jisħaq fuq l-obbligu tagħhom li jippromwovu l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali; jitlob ***lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-Karta tintuża fil-qrati nazzjonali madwar l-UE***;

Emenda 109

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jitlob moduli ta' taħriġ immirati u obbligatorji dwar l-implimentazzjoni tal-Karta għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, għall-ġudikatura u għal-leġiżlaturi; jilqa' l-iskambji transfruntiera biex jitrawmu l-kondiviżjoni reċiproka ta' informazzjoni u l-prattiki tajba; jitlob kampanji ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jippermettu lill-individwi jieħdu s-sjieda sħiħa tad-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni xxerred informazzjoni ċara u prattika dwar meta u kif tapplika l-Karta u kif iċ-ċittadini jistgħu jfittxu rimedju; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta dwar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku rigward il-Karta permezz ta' stħarriġiet futuri tal-Ewrobarometru u tivvaluta l-impatt tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni;

Emenda 110

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatt qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-proposti leġiżlattivi tagħha; ifakkar fl-importanza li jitwettqu valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż fil-qasam tal-affarijiet interni; jitlob li tiġi vvalutata, b'mod aktar koerenti u komprensiv, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u valuri oħra tal-UE madwar l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tikkonforma mal-obbligi tagħha u biex twettaq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa fuq id-drittijiet fundamentali meta tiżviluppa, timplimenta u tirrieżamina proposta leġiżlattiva jew fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali; jitlob li l-FRA tkun involuta;

Emenda 111

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-Karta u l-ordni legali tal-Unjoni ***permezz tal-użu*** sħiħ ***tal-proċeduri*** ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura protezzjoni konsistenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri tal-Unjoni billi tintroduċi mudell ta' infurzar sistematiku u bbażat fuq ir-regoli biex tindirizza l-ksur tal-Karta, tat-Trattati u tad-dritt tal-Unjoni;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-Karta u l-ordni legali tal-Unjoni***, b'mod partikolari billi timmonitorja mill-qrib u b'mod preċiż l-istat tal-konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB li huma konnessi ma' kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali, sabiex jiġi vvalutat l-impatt tan-nuqqas ta' konformità u tittieħed azzjoni; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tagħmel użu*** sħiħ ***mill-għodod ta' infurzar kollha disponibbli, inklużi l-proċeduri*** ta' ksur ***u l-pressjoni finanzjarja, biex tindirizza n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE mill-Istati Membri, filwaqt li tingrana s-sentenzi relatati tal-***

QEDB bħala evidenza addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura protezzjoni konsistenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri tal-Unjoni ***oħrajn minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE*** billi tintroduċi mudell ta' infurzar sistematiku u bbażat fuq ir-regoli biex tindirizza l-ksur tal-Karta, tat-Trattati u tad-dritt tal-Unjoni;

Emenda 112

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza r-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari tal-Parlament, biex jiżgura li l-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni tikkonforma bis-sħiħ mal-Karta f'kull stadju tal-proċess leġiżlattiv kif ukoll fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta kemm fil-korpi tal-UE u kif ukoll mill-Istati Membri; iħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-parlamenti tal-UE u dawk nazzjonali permezz ta' djalogi interparlamentari u mekkaniżmi ta' skrutinju konġunt, biex tiġi promossa l-implimentazzjoni konsistenti tal-Karta u tissaħħaħ is-sorveljanza demokratika tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE;

Emenda 113

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jenfasizza li l-monitoraġġ tal-konformità mal-Karta jrid jifforma parti integrali mis-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt tal-UE u jkun rifless bis-sħiħ fis-segwitu tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni

	u lill-Istati Membri jsaħħu l-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt annwali billi jintegraw aktar l-indikaturi relatati mal-Karta, jiżguraw segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, u jtejbu d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;

Emenda 114
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jissottolinja l-importanza tal-QĠUE fl-iżgurar tar-rispett korrett għall-Karta; ifakkar li l-implimentazzjoni uniformi u f'waqtha tas-sentenzi tal-QĠUE tikkostitwixxi obbligu vinkolanti għall-Istati Membri; ***jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE permezz tal-użu ta' għodod aktar trasparenti, tagħmel użu sħiħ mill-proċedimenti ta' ksur, u titlob l-applikazzjoni ta' miżuri interim meta jkun meħtieġ***;	18. Jissottolinja l-importanza tal-QĠUE ***u tal-QEDB*** fl-iżgurar tar-rispett korrett għall-Karta; ifakkar li l-implimentazzjoni uniformi u f'waqtha tas-sentenzi tal-QĠUE tikkostitwixxi obbligu vinkolanti għall-Istati Membri; ***jissottolinja li ġbir aktar komprensiv u mmirat ta' data dwar il-konformità tal-Istati Membri mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB se jippermetti diskussjoni aktar infurmata dwar il-livell ta' nuqqas ta' konformità***;

Emenda 115

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tiżgura ġbir imtejjeb tad-data, kif ukoll monitoraġġ u segwitu sistemiċi u dettaljati tal-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB, speċjalment sentenzi oħra għajr dawk li jirriżultaw minn proċeduri ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tagħmel użu sħiħ mill-proċedimenti ta' ksur, inkluż permezz tal-użu ta' għodod aktar trasparenti, kif ukoll titlob l-

	applikazzjoni ta' proċeduri aċċellerati u miżuri interim meta jkun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja wkoll lill-Istati Membri fit-titjib tal-ġbir tagħhom ta' data komparabbli u diżaggregata meħtieġa għall-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza li jindirizzaw id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanza u l-ksur tad-drittijiet fundamentali;

Emenda 116

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw mingħajr is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE bi kriterji oġġettivi u miżuri ta' segwitu ċari; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ is-sejbiet tagħha fir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt;

Emenda 117

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament tal-UE jkun jista' jintuża wkoll għal inizjattivi biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QEDB u tal-QĠUE; jissottolinja r-rwol ta' appoġġ tal-OSĊ fil-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn is-sentenzi;

Emenda 118

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-korpi tal-ugwaljanza fl-iżgurar u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza, is-setgħat u r-riżorsi tal-korpi tal-ugwaljanza f'konformità mad-direttivi adottati reċentement dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza[13];	20. Jenfasizza r-rwol essenzjali ***tal-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs),*** tal-korpi tal-ugwaljanza ***u tal-istituzzjonijiet tal-ombudsman*** fl-iżgurar u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri***, inklużi l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali tal-Karta taħt is-CPR, kif ukoll fil-promozzjoni ta' interpretazzjoni aktar konsistenti tal-Karta***; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza, is-setgħat u r-riżorsi tal-korpi tal-ugwaljanza f'konformità mad-direttivi adottati reċentement dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza[13];
[13] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj) u d-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024,	[13] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj) u d-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024,

ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).	ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).

Emenda 119

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament adegwat għall-korpi tal-ugwaljanza, għall-NHRIs u għall-istituzzjonijiet tal-ombudsman u jkunu involuti biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jitfasslu, jiġu ġestiti u mmonitorjati b'mod li jirrispetta u jippromwovi d-drittijiet fundamentali;

Emenda 120

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Ifakkar li l-applikazzjoni tal-Karta testendi wkoll għall-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), inklużi l-Frontex u l-Europol; jistieden lill-aġenziji ĠAI jikkonformaw għalkollox mal-Karta; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità tal-aġenziji tal-UE mal-Karta u tinkludi s-sejbiet tagħha fl-evalwazzjonijiet tal-aġenziji, inkluż fil-metodoloġija użata biex jitwettqu l-valutazzjonijiet;

Emenda 121

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jissottolinja r-rwol essenzjali tar-reġjuni, il-muniċipalitajiet u l-bliet fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali meta jittrasformaw id-drittijiet fil-prattika ta' kuljum u jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, filwaqt li jibnu fuq ir-rapport tal-FRA bit-titolu "Human rights cities in the EU – A framework for reinforcing rights locally" (Il-Bliet tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE – Qafas għat-tisħiħ lokali tad-drittijiet);

Emenda 122

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma essenzjali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-Karta; ***jappella għal finanzjament konsistenti u adegwat tas-soċjetà ċivili mill-UE; jikkundanna kwalunkwe restrizzjoni jew attakk legali, u l-użu eċċessiv tal-forza f'ċerti Stati Membri, li jimminaw il-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda u ta' espressjoni;***	21. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma essenzjali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-Karta; ***ifakkar li, skont l-Artikolu 11(2) tat-TUE, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili; jisħaq b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, fuq il-fatt li l-aċċess għall-finanzjament strutturali huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li ttejjeb l-involviment tagħha ma' OSĊ li għandhom għarfien espert u rwol importanti x'jaqdu biex jiddefendu kwistjonijiet speċifiċi tas-soċjetà u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem; ifakkar, għalhekk, li jibqa' fundamentali li l-OSĊ, b'mod partikolari permezz tal-finanzjament tal-UE, ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet bħal dawk ta' promozzjoni, dimostrazzjonijiet, il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ispazju***

ċiviku, ġurnaliżmu investigattiv jew azzjonijiet ġudizzjarji, u li dawn l-attivitajiet għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi ta' finanzjament rilevanti u jkollhom biżżejjed finanzjament iddedikat disponibbli;

Emenda 123

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji konsistenti u adegwati għas-soċjetà ċivili;

Emenda 124

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jissottolinja l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-libertà u l-pluraliżmu tal-media bħala komponenti essenzjali tal-istat tad-dritt u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-ġurnalisti minn theddid, SLAPP u minn pressjoni politikament motivata; jitlob azzjonijiet determinati kontra kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod aktar speċifiku l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll il-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, u għall-użu sħiħ tal-istrumenti kollha disponibbli tal-UE biex jiġi indirizzat kwalunkwe ksur tad-dritt u tal-valuri tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestrinġi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi

trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 52(1) tal-Karta;

Emenda 125

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għal kollaborazzjoni akbar tal-korpi tal-UE u dawk nazzjonali mas-soċjetà ċivili, il-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra biex jissaħħu t-trasparenza u l-inklużività fl-applikazzjoni tal-Karta; jisħaq li djalogu wiesa' u approċċi parteċipatorji huma essenzjali biex jiġu identifikati l-isfidi relatati mad-drittijiet u jiġu żgurati rimedji effettivi; jenfasizza li dan l-involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati jsaħħaħ il-leġittimità demokratika u l-obbligu ta' rendikont, filwaqt li jsaħħaħ ***l-identità*** tal-UE bħala Unjoni mibnija fuq valuri kondiviżi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;	22. Jappella għal kollaborazzjoni akbar ***u aktar sistematika*** tal-korpi tal-UE u dawk nazzjonali mas-soċjetà ċivili, il-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra biex jissaħħu t-trasparenza u l-inklużività fl-applikazzjoni tal-Karta ***u tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u interpretazzjoni konsistenti***; jisħaq li djalogu wiesa' u approċċi parteċipatorji huma essenzjali biex jiġu identifikati l-isfidi relatati mad-drittijiet u jiġu żgurati rimedji effettivi; jenfasizza li dan l-involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati jsaħħaħ il-leġittimità demokratika u l-obbligu ta' rendikont, filwaqt li jsaħħaħ ***il-kredibbiltà*** tal-UE bħala Unjoni mibnija fuq valuri kondiviżi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 126

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni injorat l-appelli biex jinżamm u jissaħħaħ il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) bħala programm awtonomu u b'żieda fil-finanzjament fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; ifakkar fl-importanza li l-programm

	CERV kellu biex jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ lill-OSĊ attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, u billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika u demokratika, sabiex jiġu sostnuti u jkomplu jiġu żviluppati soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi; iqis li l-programm il-ġdid AgoraEU jrid jipprovdi salvagwardji li jirriflettu mill-anqas l-istess livell ta' ambizzjoni bħall-programm CERV;

Emenda 127

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq fuq l-importanza tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ***u jirrakkomanda li l-Kummissjoni*** titlob malajr l-opinjoni legali tal-QĠUE sabiex jiġi ffinalizzat il-proċess ta' adeżjoni; jisħaq li dan il-pass huwa essenzjali biex il-qafas legali tal-UE jiġi allinjat mal-ogħla standards ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;	23. Jisħaq fuq l-importanza tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ***jħeġġeġ lill-Kummissjoni*** titlob malajr l-opinjoni legali tal-QĠUE sabiex jiġi ffinalizzat il-proċess ta' adeżjoni; jisħaq li dan il-pass huwa essenzjali biex il-qafas legali tal-UE jiġi allinjat mal-ogħla standards ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 128

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u li tiġi stabbilita tabella ta' valutazzjoni ddedikata għall-monitoraġġ tal-

	implimentazzjoni tas-sentenzi kollha tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

Emenda 129

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jibda r-reviżjoni tat-Trattati u jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta billi jirrieżamina l-Artikolu 51(1) ***tat-TUE*** sabiex jiggarantixxi protezzjoni universali u mingħajr kundizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-qafas tal-UE;	24. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jibda r-reviżjoni tat-Trattati u jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta billi jirrieżamina l-Artikolu 51(1) ***tal-Karta*** sabiex jiggarantixxi protezzjoni universali u mingħajr kundizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-qafas tal-UE;

Emenda 130

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jitlob li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta billi jiġi żgurat allinjament sħaħ bejn il-qrati tal-UE u dawk nazzjonali biex tiġi ggarantita l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fil-livelli kollha;

Emenda 131

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jitlob li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, li jsir possibbli li d-drittijiet minquxa fiha jipproteġu lill-individwi kull

	meta l-Istati Membri jaġixxu fl-ambitu ta' kompetenza tal-UE, kemm jekk esklużiva kif ukoll jekk kondiviża, anke jekk tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata mill-UE;

Emenda 132
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jappella għall-inklużjoni espliċita tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess fl-Artikolu 21(1) tal-Karta sabiex tiġi miġġielda b'mod komprensiv id-diskriminazzjoni;	***imħassar***

Emenda 133

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jitlob l-inklużjoni fl-Artikolu 37 tal-Karta tal-miri klimatiċi tal-UE stabbiliti mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[14];	***imħassar***

[14] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Emenda 134

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jitlob li l-FRA tiġi stabbilita bħala awtorità indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, b'indipendenza operazzjonali akbar biex tibda azzjonijiet ħalli tindirizza l-ksur tal-Karta;	27. ***Jinnota r-rwol importanti tal-FRA fl-appoġġ tal-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ġewwa l-UE u jenfasizza l-valur tal-kontribut kontinwu tagħha; jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità tal-FRA biex tgħin fis-salvagwardja tad-drittijiet, il-valuri u l-libertajiet tal-Karta;*** jitlob li l-FRA tiġi stabbilita bħala awtorità indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, b'indipendenza operazzjonali akbar biex tibda azzjonijiet ħalli tindirizza l-ksur tal-Karta; ***jitlob li l-FRA tassisti lill-Kummissjoni biex jiġi żviluppat approċċ uniformi għall-applikazzjoni tal-istandards tad-drittijiet fundamentali għall-finanzjament tal-UE, kif ukoll kriterji speċifiċi bil-għan li jintlaqgħu l-fondi u linji gwida ta' monitoraġġ;***

Emenda 135

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu previsti forom sistematiċi ta' konsultazzjoni ta' korpi u istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali u dwar il-Karta b'mod partikolari; jirreferi, f'dan ir-rigward, għall-FRA u għall-korpi rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa u tan-Nazzjonijiet Uniti;

Emenda 136

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jitlob aċċess usa' u aktar effettiv għal rimedji legali għaċ-ċittadini kollha, speċjalment fejn imħallfin nazzjonali jiffaċċjaw ostakli biex jissottomettu talbiet għal deċiżjonijiet preliminari – bħal fi Stati Membri li huma soġġetti għall-proċedimenti tal-Artikolu 7 tat-TUE – jew meta l-isfidi jikkonċernaw atti mhux leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni; jissottolinja li l-iffaċilitar tal-aċċess lill-QĠUE jsaħħaħ id-djalogu ġudizzjarju, jiżgura l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE u jsaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
ILGA-Europe
Liberties
Bridge EU
Save the Children

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni fil-kapaċità tagħha bħala rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

OPINJONI

Data tal-adozzjoni	27.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 –: 24 0: 5

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

45	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Caterina Chinnici, Paulo Cunha, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Liudas Mažylis, Verena Mertens, Ana Miguel Pedro, Tomas Tobé, Pekka Toveri, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Marta Wcisło, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Barry Andrews, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Anna-Maja Henriksson, Fabienne Keller, Nathalie Loiseau, Nikola Minchev, Dainius Žalimas
S&D	Annalisa Corrado, Jonás Fernández, Isilda Gomes, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Pierfrancesco Maran, Matjaž Nemec, Aodhán Ó Ríordáin, Sandro Ruotolo, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Alessandro Zan
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Mélissa Camara, Alice Kuhnke, Katrin Langensiepen, Tineke Strik

24	-
ECR	Sergio Berlato, Stefano Cavedagna, Alessandro Ciriani, Alberico Gambino, Paolo Inselvini, Mariusz Kamiński, Nicola Procaccini, Charlie Weimers
ESN	Mary Khan, Milan Uhrík, Petar Volgin
NI	Erik Kaliňák
PPE	Christophe Gomart, Branko Grims, Nadine Morano
PfE	Tomasz Buczek, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Petra Steger, Hermann Tertsch, Matthieu Valet, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Alexandre Varaut

5	0
Ix-Xellug	Giuseppe Antoci, Konstantinos Arvanitis, Damien Carême, Özlem Demirel, Gaetano Pedulla'

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni